MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1175/1997/1

**Joseph u Miriam konjugi Gatt bhala kuraturi ta' binhom minuri Christopher**

**v.**

**Philip Caruana**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-konvenut fil-5 ta' Gunju, 1995, fi Triq Anthony Aquilina,

f'Haz-Zebbug, waqt li kien qed isuq il-karozza numru ta' registrazzjoni U-2911, laqat lil Christopher Gatt, iben l-atturi, skond ma jirrizulta mir-*road accident report* Dok. A; illi bhala rizultat ta' l-imsemmi incident l-istess Christopher Gatt, ta' l-età ta' sitt snin fi zmien l-incident, u li llum ghadu minorenni, sofra lezjonijiet personali u dizabilità kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u skond ic-certifikat mediku mahrug mill-Kirurgu Joseph E. Briffa; illi dana l-incident gara minhabba negligenza, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-istess konvenut; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandiex: 1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih safa mwegga Christopher Gatt; 2. tillikwida d-danni personali u d-debilità li sofra l-istess Christopher Gatt bhala konsegwenza ta' l-incident, u dana anke permezz ta' periti nominand, jekk il-Qorti jidrilha li hu l-kaz; 3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi fil-kwalità taghhom premessa d-danni hekk likwidati; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-13 ta' Mejju, 1996, u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 1996, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi, relattivament ghall-ewwel talba attrici, dina hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident *de quo* kien unikament responsabbli l-istess minuri Christopher Gatt stante n-nuqqas ta' prekawzjoni, imprudenza, imperizja u traskuragni da parti tieghu;

2. Illi, relattivament ghat-tieni talba attrici, isegwi li ghandha wkoll tigi michuda stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent;

3. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici jsegwi li din ukoll ghandha tigi michuda statne li ma hemmx danni li

ghalihom l-eccipjent ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju, 2001 illi permezz taghha l-Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahdet it-talbiet attrici, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi mill-provi kollha prodotti inkluz l-iskizz u l-okkorrenza m'hemmx dubju li l-konvenut Philip Caruana kien miexi normalment u b'mod regolari fl-istess triq sakemm gie rinfaccjat bil-hrug imprudenti tal-minuri Christopher Gatt minn quddiem it-trakk ipparkjat li b'hekk ikkawzatlu *sudden emergency*. Irrizulta bla ebda dubju anke mix-xhieda tal-minuri nnifsu, li huwa qabad u qasam u l-konvenut anki jekk kien qed izomm *a proper look-out* ma setax jarah. Il-minuri Gatt qal li kien hemm trakk ipparkjat fuq in-naha tal-lemin tieghu u allura ma setax jara fuq dik in-naha. Kompla wkoll li kien jaqsam it-triq '*u peress li kien hemm dan it-trakk, jiena harist minn wara t-trakk, rajt li ma kienux gejjin karozzi, bdejt nimxi, smajt hoss u laqtitni karozza*'. Dan ifisser li l-minuri l-vann fl-ebda hin ma rah gej, u *di più*, qal li kien mexa xi metru distanza mit-trakk ipparkjat.

"Dan ukoll hu korroborat mix-xhieda ta' Brandon Micallef li ghalkemm qal li kuginuh hares qabel ma qasam però qal ukoll fl-istess xhieda li meta qallu biex jieqaf Christopher Gatt kien qed ihares min-naha l-ohra mhux minn fejn kien gej il-vann li dahal fuq kuginuh. Inoltre rrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut Philip Caruana li l-minuri qabad u hareg u l-konvenut ma kellux cans bizzejjed sabiex jieqaf f'hin opportun biex jevita l-incident. Lanqas ma jista' jinghad li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, kif gie allegat, ghaliex it-tifel zgur kien jisfa aghar. It-tezi tal-konvenut hija wkoll aktar veritiera peress li hafna xhieda qalu li kif appena dan nizel mill-vettura tieghu huwa mar ifittex taht

il-vann u ma kellu l-ebda idea li seta' kien hemm tifel taht ir-rota.

"Mill-access li kellha wkoll din il-Qorti fuq il-post tal-incident irrizulta li t-triq mhix daqstant wiesa'. Kwindi bit-trakk ipparkjat, kif it-tifel hareg minn quddiem it-trakk huwa kien digà kwazi jew vicin sew in-nofs tat-triq, u dan ikompli jikkonferma l-konvenut hekk rinfaccjat f'daqqa b'tifel quddiemu kien kompletament mahsud b'tali azzjoni inaspettata tal-istess minuri.

"Illi f-dan l-istadju ghandu jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa '*used care for his own safety as is* [*sic*] *a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*' (*Gibb* para. 127).

"Illi applikati ghall-kaz *de quo* u mill-provi jirrizulta u jidher li l-minuri Christopher Gatt ma hax il-prekawzjonijiet necessarji qabel ma hareg minn wara t-trakk li kien ipparkjat mal-bankina minn fejn huwa qasam it-triq, u dan billi qabad u hareg minn wara l-istess vettura bla ma esplora it-triq sew bil-konsegwenza li huwa hasad lill-konvenut, li ghalkemm ipprova jevita l-incident huwa xorta ma rnexxilux jaghmel dan, u anke peress li l-istess konvenut sab lill-minuri ezatt quddiemu, b'mod li kien impossibbli ghalih li jirreagixxi u jevita l-istess incident.

"Illi huwa ovvju li f'dawn ic-cirkostanzi l-istess minuri Christopher Gatt naqas milli josserva dak li hemm indikat f'paragrafu 20 tal-*Highway Code* li jipprovdi li wiehed ghandu jiehu '*extra care if your view is restricted by parked or stationary vehicles or by other obstructions*'.

"Illi huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza *Rita Calleja vs Joseph Agius* (P.A.JSP. 5 ta' Ottubru 1995 - Vol LXXIX.ii. 1277) fejn gie riaffermat il-principji li:-

'*Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja*

*minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza*' (Vol. XXXIX.iv. 1031).

"Illi hawn issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti *Laferla Insurance Agency Ltd pro et noe vs Arthur Grech* (Cit Nru 1511/97/RCP deciza fid-29 ta' Mejju 2001), fejn giet ik[k]wotata s-sentenza fl-ismijiet *Paul Deguara vs Raymond Chilton* - (Appell Civili - 3 ta' Frar 1988 - Vol LXII.II.180) fejn inghad:

'*fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra li ghamel … … … ikkreja a sudden emergency lill-(konvenut) li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' evasive action … … … inutili li wiehed joqghod ighid kif imissa rrejagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizjoni meta din tkun giet rinfaccjata b'sudden emergency ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirrejagixxi l-istess, fl-istess cirkostanzi*'.

"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-konvenut m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-incident li sehh fil-5 ta' Gunju 1995, u ghalhekk lanqas m'ghandu jinzamm responsabbli ghall-konsegwenti danni sofferti mill-atturi."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi jigi dikjarat responsabbli ghall-kollizjoni l-konvenut, u konsegwentement jigu likwidati d-danni resultanti, u jigi kkundannat il-konvenut ihallas id-danni imsemmija;

Rat ir-risposta tal-konvenut illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, kif jirrizulta mis-segwenti silta mir-rikors ta’ appell, l-atturi avanzaw aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata:
“Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li taw lok ghall-incident in kwistjoni, u l-investigazzjoni tal-kaz kienet pjuttost superficjali” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Illi fil-kumplament tar-rikors ta’ appell l-atturi appellanti jaghmlu diversi sottomissjonijiet sabiex isostnu l-aggravju taghhom hawn fuq riportat;

Ikkunsidrat:

Illi hija ezaminat il-provi kollha prodotti kif ukoll is-sentenza appellata u hija tal-fehma illi l-aggravju ta’ l-appellanti mhux fondat ghaliex, f’dik is-sentenza, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament akkurat - u mhux “pjuttost superficjali”, kif qed jallegaw l-appellanti - ta’ l-istess provi, liema apprezzament wassalha ghall-konkluzjoni korretta illi “… il-konvenut m’ghandux jinzamm responsabbli ghall-incident” stradali in kwistjoni. Tajjeb illi jinghad illi dina l-Qorti waslet ghall-fehma illi ghadha kemm esprimiet wara illi hadet konjizjoni tas-sottomissjonijiet kollha maghmula mill-appellanti fir-rikors ta’ appell sabiex isotnu l-aggravju taghhom. Huwa xieraq, però, illi jsiru xi osservazzjonijiet dwar uhud minn dawn is-sottomissjonijiet;

L-ewwel sottomissjoni hija fit-termini segwenti:
“Bil-kontra ta’ dak li gie konkluz mill-ewwel Onorabbli Qorti, ma jirrizultax li qabel ma gara l-incident il-konvenut kien ghaddej b’mod normali, tenut kont tal-hin, local [*sic*] u stat tat-triq fejn gara l-incident. Dan qed jinghad peress illi jirrizulta li t-triq ma kinetx asfaltata, li l-konvenut kien ghaddej imharrek, kif xehed Brandon Micallef, tant li avza lil kuginih Christopher Gatt sabiex ma jaqsamx.”

Mill-provi prodotti, però, jirrizulta:

(i) illi t-triq fejn avvera ruhu l-incident stradali in kwistjoni kienet giet asfaltata ftit taz-zmien qabel, ghalkemm, fil-parti taghha fejn gara dana l-incident, kien hemm xi zrar akkumulat (*vide* kontroezami tax-xhud Raymond Camilleri, fol. 171);

(ii) illi l-*brake marks* illi halliet il-vettura misjuqa mill-konvenut ma jatux indikazzjoni illi fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien qed isuq "imharrek";

(iii) illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, Brandon Micallef qal lil kuginuh Christopher Gatt sabiex ma jaqsamx it-triq ghaliex ra illi dan kien ser jaqsam minkejja illi kienet gejja l-karozza tal-konvenut u mhux ghaliex din il-karozza kienet qed tinsaq b'velocità eccessiva. La darba din il-vettura kienet vicin, il-prudenza kienet titlob illi Christopher Gatt ma jaqsamx it-triq, u dana indipendentement mill-velocità tal-vettura;

It-tieni (2) sottomissjoni ta' l-appellanti hija din:
"… bil-kontra ta' dak li gie konkluz mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ma jirrizultax li Christopher Gatt hareg minn quddiem it-*truck*. Fil-fatt, Gatt kien certu distanza il-boghod mit-*truck* …";

Huwa veru illi, anke skond dak illi xehed il-konvenut stess, Christopher Gatt meta beda jaqsam it-triq, immedjatament qabel l-incident, kien cirka ghaxar piedi quddiem l-imsemmi *truck*. Dan, però, ma jfissirx illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin meta fis-sentenza appellata ikkonstatat (fol. 238):
"… li l-konvenut Philip Caruana … gie rinfaccjat bil-hrug imprudenti tal-minuri Christopher Gatt minn quddiem it-trakk ipparkjat li b'hekk ikkawzatlu *sudden emergency*";

Sottomissjoni ohra ta' l-appellanti hija:
"Jigi rilevat ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi: '*Irrizulta bla ebda dubbju anke mix-xhieda tal-minuri nnifsu, li huwa qabad u qasam u l-konvenut anke jekk kien qed izomm a proper look-out ma setax jarah*.'

Qed jigi sottomess li tali konkluzjoni hija kompletament skorretta, ghaliex ma rrizultax li l-minuri qatt iddikjara li qabad u qasam. It-tifel ma kienx qed jigri, izda kien miexi normali. Jirrizulta li qabel ma beda jaqsam Christopher Gatt kien waqaf u hares (Deposizzjoni tal-25 ta' Novembru, 1998). Huwa xehed hekk: '*Rajt karozza gejja bis-sahha*'. Rilevanti li hu xehed li ma semax *brake*" (sottolinear ta' dina l-Qorti;

L-osservazzjonijiet ta' dina l-Qorti dwar din is-sottomissjoni huma:

(i) huwa veru li mid-depozizzjoni ta' Christopher Gatt ma jirrizultax "li l-minuri qatt iddikjara li qabad u qasam", però mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta illi Christopher Gatt "qabad u qasam" minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega fic-cirkostanzi;

(ii) dina l-Qorti ma taqbilx illi qabel beda jaqsam it-triq Christopher Gatt "waqaf u hares". Infatti, l-konvinzjoni ta' dina l-Qorti hija bhala dik ta' l-ewwel Qorti, jigifieri illi Christopher Gatt "qabad u qasam", kif jista' jigi dezunt mis-segwenti silta mill-kontroezami ta' dan it-tifel, maghmul waqt l-udjenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru, 1998 (fol. 30):
"Jiena naf li meta kont l-isptar, il-kugin tieghi Brandon qal li qabel ma sar l-incident, hu kien ghajjatli biex ma naqsamx ghaliex kien gej *van*, però jiena ma smajtux" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fatt, Brandon Micallef xehed hekk (fol. 26):
"Jiena rajt karozza, *van* gej … ghajjatt lill-kugin tieghi biex jieqaf halli ma jtajruhx. Ma semghanix u dan il-*van* tajjar lill-kugin."

(iii) Huwa veru illi Christopher Gatt xehed illi ma semghax hoss ta' *braking* (fol. 30), però dan il-hoss semghuh ix-xhud Raymond Camilleri (fol. 57), ix-xhud Paul Micallef (fol. 58) u omm Christopher, l-attrici Miriam Gatt (fol. 116);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------